**QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**Illum 10 ta' Marzu, 2021**

**Rikors Revoka Nru: 34/2021 AF**

**Michelle Ebejer**

**vs**

**Sunny Ebejer**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Sunny Ebejer li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu minn martu sabiex din tikkawtela kreditu taghha ghas-sehem spettanti lilha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Michelle Ebejer u d-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti jsejjes it-talba tieghu fuq is-subincizi 1(d) u 1(f) tal-Art 836 tal-Kap. 12.

Il-Qorti qeghda tqis iz-zewg kawzali flimkien.

Il-Qorti tqis li c-cifra li qeghda tittenta tikkawtela r-rikorrenti tirraprezenta sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Jidher mad-daqqa t'ghajn illi l-valur tad-dar matrimonjali flimkien ma l-garage gie stmat fl-ammont ta' €350,000. Ma ngiebet lil Qorti ebda prova dwar x'assi ohra jista' jkollha l-komunjoni, madanakollu ma tqisx li l-kalkolu ta' €200,000 bhala sehem ir-rikorrenti huwa eccessiv.

Il-Qorti tqis ukoll li galadarba mill-paga tar-rikorrenti jridu jsiru l-pagamenti tas-self fuq id-dar, tal-manteniment tal-ulied u jrid jghajjex lilu nnifsu r-rikorrenti, ikun ghaqli li jkunu rilaxxati kull xahar bizzejjed flejjes biex ikopru dawn il-hlasijiet.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ghat-thassir tal-mandat b'dana pero illi kull xahar ghandhom jigu rilaxxati <u>biss</u> is-somom dovuti ghall-manteniment tal-ulied, il-hlas tas-self fuq id-dar, u l-ammont ghall-manteniment tar-rikorrenti kif tipprovdi l-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF